# L-Eċċellenza Reverendissima Isqof Awżiljarju ta' Malta, Monsinjur Charles J. Scicluna Iben Ħal Kirkop

**Horatio Caesar Roger Vella***




**L-arma araldika tal-Isqof Scicluna**

Jien ilni naf lill-Eċċellenza Tiegħu minn mindu konna flimkien fl-Università ta' Malta fis-snin sebgħin, huwa fil-Fakultà tal-Liġi u jiena fil-Fakultà tal-Arti. Meta jiena, imbagħad, emigrajt lejn l-Afrika, kont smajt li Charles baqa' jistudja għal avukat, imma fl-istess żmien beda kors fit-Teoloġija u daħal fis-Seminarju ta' Malta. Wara li rritornajt lura Malta iktar minn għaxar snin wara, u konna fil-laqgħa tal-koppji f'din il-parroċċa, kien ġie jkellimna Dun Charles Scicluna fuq problemi li jistgħu jinqalgħu fiż-żwieġ, u fuq il-każ jekk għad hemmx lok għall-eroiżmu tip li wriet Santa Rita. Jiena mmeraviljajt ruħi bl-umiltà li wera magħna fid-diskussjoni li kellna. Darba oħra, rajtu fiċ-ċimiterju ta' Ħal Kirkop, flimkien ma' ommu u missieru, meta f'Novembru jitbierku l-oqbra. In-nanniet tiegħu min-naħa ta' ommu midfunin hemm. Wara, meta kont nistudja Ruma, qgħadt fil-Kulleġġ San Carlo Borromeo f'Via del Corso, u qaluli li s-sodda li rqadt fiha xi darba kien raqad fiha hu wkoll. Meta kont nistenna biex nidħol nistudja f'Palazzo Farnese, kont nagħmel viżta fil-Knisja tal-Kunvent tas-Sorijiet ta' Santa Briġida, u hemm qaluli li kien jgħix hemm ukoll. Dan ikkonfermajtu meta fuq il-bank ta' wara sibt informazzjoni fuq San Ġorġ Preca, li huwa kien strumentali biex jiġi kkanonizzat. Darba oħra, f'assemblea Djoċesana, huwa kien wieħed mill-kelliema miġjub minn Ruma. Ftit tal-ġimgħat ilu, kelli okkażjoni niltaqa' miegħu bħala rappreżentant tal-Malta Classics Association biex niddiskutu kif il-Knisja f'Malta tista' tippromwovi l-Istudji Klassiċi fl-iskejjel u fis-Seminarju tagħha.

Monsinjur Scicluna twieled f'Toronto, il-Kanada, fil-15 ta' Mejju, 1959. Il-familja tiegħu rritornat Malta fl-1960, u kienet tgħix l-ewwel f'Ħal Qormi, imbagħad Ħal Lija. Huwa ħa l-edukazzjoni sekondarja tiegħu fl-Iskola Teknika San Ġużepp, Casal Paola, u fil-Kulleġġ San Edwardu, Victoriosa. Huwa ordna saċerdot fil-11 ta' Lulju, 1986, minn idejn l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca. Fl-istess sena, intbagħat jistudja d-Dritt Kanonku fil-*Pontificia Università Gregoriana* f'Ruma, fejn kiseb id-Dottorat fid-Dritt Kanonku fl-1991. Ħadem bħala Difensur taż-Żwieġ fit-Tribunal ta' Malta u għallem it-Teoloġija Pastorali u d-Dritt Kanonku fl-Università ta' Malta. Ta wkoll servizz pastorali fil-parroċċi ta' Ħ'Attard, San Girgor f'Tas-Sliema, u l-Iklin. Fl-1994, inħatar Viċi-Rettur tas-Seminarju Maġġuri u, sena wara, Promutur tal-Ġustizzja Sostitut fit-Tribunal Suprem tas-Senjatura Appostolika fil-Vatikan. Fl-1996, inħatar Postulatur fil-kawża tal-beatifikazzjoni u tal-kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca. Fl-2002, inħatar Promutur tal-Ġustizzja fil-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi biex jinvestiga u jkun prosekutur fuq il-



**Eċċellenza Reverendissima Monsinjur Charles J. Scicluna, Isqof Awżiljarju u Viġarju Ġenerali ta' Malta**

każijiet l-iżjed gravi. Huwa għallem f'bosta pajjiżi dwar il-protezzjoni tal-minuri. Sa dan l-aħħar, huwa kien jgħallem fil-proċedura penali fil-*Pontificia Università Gregoriana*, u kien Kappillan tas-Sorijiet ta' Santa Briġida u konfessur fil-Venerabbli Kulleġġ Ingliż. Fl-2012, huwa nħatar Isqof Awżiljarju ta' Malta u Isqof Titulari ta' San Leone,[1] u ġie kkonsagrat Isqof fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-preżenza ta' żewġ Kardinali, wieħed minnhom il-Malti, l-Eminenza Tiegħu Prospero Grech.

Bħala rigal lill-Monsinjur Isqof Charles Scicluna, kif ukoll lil niesu f'Ħal Kirkop, jiena qiegħed hawn nippreżentalu tagħrif fuq l-antenati tiegħu li għixu f'Ħal Kirkop minn riċerka li għamilt fir-reġistri tal-Parroċċa ta' Ħal Kirkop u pubblikazzjonijiet tiegħi. Ta' dan, nirringrazzja lill-Kappillan, Dun Noel Camilleri, li għamilha possibbli li jien nagħmel dan l-istudju.

Minn din il-karta ġenealoġika, wieħed jinnota kif erba' antenati ta' Mons. Scicluna huwa, kull koppja, antenati għal darbtejn. Dan għaliex kull koppja msemmija hawn fuq kellha, minn fost uliedha, tnejn li t-tnejn li huma kienu antenati tal-isqof. Hekk naraw kif minn Pietru Caruana u Grazzja Ellul ħarġu żewġ antenati: Duminku Caruana u oħtu, Tereża; minn Onoratu Callus u Anna Abela ħarġu Ġużeppi u ħuh, Franġisku; minn Pawlu Agius u Vinċenza Vella ħarġu Ġużeppi u ħuh, Benedittu, u minn Ġwanni Falzon u Pawla Pace ħarġu Anġlu Falzon u ħuh, Franġisku.

Minn dan jirriżulta li Benedittu Falzon u Ġużeppa Agius, il-bużnanniet ta' Mons. Scicluna, kienu settimi kuġini minn Pietru Caruana u Grazzja Ellul, u sekondi kuġini minn Ġwanni Falzon u Pawla Pace; li Mikiel Callus u Katerina Callus, bużbużbużnanniet ta' Mons. Scicluna, kienu primi kuġini minn Onoratu Callus u Anna Abela; u li Ġużeppi Falzon u Mikelina Debono, in-nanniet ta' Mons. Scicluna, kienu bejn terzi u kwarti kuġini minn Pawlu Agius u Vinċenza Vella.

Jirriżulta wkoll kif l-ismijiet jintiertu, minkejja li l-kunjomijiet jinbiddlu. Hekk insemmu lil Karmena Falzon, omm Mons. Scicluna, setgħet issemmiet għall-bużnanna tagħha, Karmela Falzon, jew għall-bużnanna l-oħra, Karmela Farrugia; in-nannu ta' Mons. Scicluna, Ġużeppi Falzon, seta' ssemma għall-bużnannu tiegħu, Ġużeppi Agius, jew għall-bużnanna l-oħra, Ġużeppa Balzan; waqt li n-nanna ta' Mons. Scicluna, Mikelina Debono, setgħet issemmiet għall-bużnannu tagħha, Mikiel Callus.

Karmela Falzon, omm l-Isqof Charles Scicluna, twieldet f'Ħal Kirkop fl-14 ta' Awwissu, 1935, fl-10.45a.m., u tgħammdet l-għada mill-Kappillan Dun Franġisk Xuereb. Il-Parrini tagħha kienu Salvu Debono u martu Marija, minn Ħal Kirkop, in-nanniet tagħha. Hija l-ikbar minn tminn ulied. Iz-zijiet ta' Mons. Scicluna min-naħa ta' Ħal Kirkop, ħut ommu, Karmena, twieldu u tgħammdu kif ġej:


**40, Monica, Triq Valletta, Ħal Kirkop, dik li xi darba kienet id-dar ta' Ġużeppi Falzon u Mikelina Debono, in-nanniet tal-Isqof Scicluna**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| A | **Eċċ. Mons. Charles J. Scicluna** | | | 1. |
| B | Emanuel Scicluna-Carmela **Falzon**[2] | | | 2. |
| Ċ | Karmelu Scicluna-Antonja Axisa (Qormi) | Ġużeppi Falzon-Mikelina Debono[3] | | 3. |
| D | | Benedittu Falzon-Ġużeppa Agius[4] | | 4. |
| E | | Leonardu Falzon-Ġovanna Cascon[5] | | 5. |
| F | | Anġlu Falzon-Andreana[6] | Pawlu Agius-Karmela Falzon[7] | 6. |
| Ġ | | Ġwanni Falzon-Pawla Pace[8] | Franġisku Falzon-Ġużeppa Balzan[9] | 7. |
| G[10] | | Arkanġlu Falzon-Marija Vella (Żurrieq) | | 8.[11] |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ċa | Ġużeppi Falzon-Mikelina **Debono** | | 3. |
| Ċb | Salvu Debono-Marija Callus[12] | | 4. |
| Ċċ | Leonardu Debono-Roża Micallef[13] | | 5. |
| Ċd | Ġużeppi Debono-Marija Zammit[14] | | 6. |
| Ċe | Ġwanni Battista Debono-Katerina Psaila[15] | | 7. |
| Ċf | Franġisku Saverju Debono-Ġeronima Flamingo (Ħaż-Żabbar) | | 8. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ċa | Ġużeppi Falzon-Mikelina Debono[16] | | 3. |
| Ċb | | Salvu Debono-Marija Callus | 4. |
| D | Benedittu Falzon-Ġużeppa **Agius** | Leonardu Callus-Karmela Farrugia[17] | 5. |
| Fa | Pawlu Agius-Karmela Falzon | Tumas Farrugia-Ġużeppa Agius[18] | 6. |
| Fb | Ġużeppi Agius-Skolastika Zammit[19] | Benedittu Agius-Kostanza Micallef[20] | 7. |
| Fċ | Pawlu Agius-Vinċenza Vella[21] | | 8. |
| Fd | Anġlu Agius-Duminka Grima[22] | | 9. |
| Fe | Ġwanni Agius-Roża (Żurrieq) | | 10. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ċb | Salvu Debono-Marija **Callus** | | 4. |
| Ċba | Leonardu Callus-Karmela Farrugia[23] | | 5. |
| Ċbb | Mikiel Callus-Katerina Callus[24] | | 6. |
| Ċbċ | Ġużeppi Callus-Katerina[25] | Franġisku Callus-Anna Falzon[26] | 7. |
| Ċbd | | Onoratu Callus-Anna Abela[27] | 8. |
| Ċbe | | Salvu Callus-Marija (Żurrieq) | 9. |

Ċba Leonardu Callus-Karmela **Farrugia** 5.

| | | |
|---|---|---|
| Ċbaa | Tumas Farrugia-Ġużeppa Agius[28] | 6. |
| Ċbab | Vinċenz Farrugia-Katerina Aquilina (Żejtun) | 7. |

Ġ Franġisku Falzon-Ġużeppa **Balzan** 7.

| | | |
|---|---|---|
| Ġa | Ġwanni Marija Balzan-Speranza Sciberras[29] | 8. |
| Ġb | Salvu Balzan-Maria[30] | 9. |
| Ġċ | Antonju Balzan-Grazzja Muscat[31] | 10. |
| Ġd | Mattew Balzan-Grazzja Mallia[32] | 11. |
| Ġe | Ġwanni Marija Balzan-Antonja (Żurrieq) | 12. |

Ċċ Leonardu Debono-Roża **Micallef** 5.

| | | |
|---|---|---|
| Ċċa | Salvu Micallef-Katerina Zammit[33] | 6. |
| Ċċb | Franġisku Saverju Micallef-Katerina Camilleri | 7. |

Fb Ġużeppi Agius-Skolastika **Zammit** 7.

| | | |
|---|---|---|
| Fba | Anġlu Zammit-Vinċenza Chircop[34] | 8. |
| Fbb | Ġużeppi Zammit-Katerina Falzon[35] | 9. |
| Fbċ | Alessju Zammit- | 10. |

Ċd Ġużeppi Debono-Marija **Zammit** 6.

| | | |
|---|---|---|
| Ċda | Arkanġlu Zammit-Tereża Magro[36] | 7. |
| Ċdb | Pawlu Zammit-Marija Bugeja[37] | 8. |
| Ċdċ | Ġwanni Marija Zammit-Anġelika | 9. |

Ċċa Salvu Micallef-Katerina **Zammit** 6.

| | | |
|---|---|---|
| Ċċaa | Gejtanu Zammit-Marija Caruana[38] | 7. |
| Ċċab | Arkanġlu Zammit-Margerita | 8. |

Ċe Ġwanni Battista Debono-Katerina **Psaila** 7.

| | | |
|---|---|---|
| Ċea | Salvu Psaila-Marija Camenzuli[39] | 8. |
| Ċeb | Marju Psaila-Katerina | 9. |

Ċċaa Gejtanu Zammit-Marija **Caruana** 7.

| | | |
|---|---|---|
| Ċċaa1 | Ġwanni Marija Caruana-Madalena Darmanin[40] | 8. |
| Ċċaa2 | Antonju Caruana-Katerina (Imqabba) | 9. |

Ġ Ġwanni Falzon-Pawla **Pace** 7.

| | | |
|---|---|---|
| Ġa | Baldasri Pace-Katerina Zammit[41] | 8. |
| Ġb | Tumas Pace-Marija Mallia[42] | 9. |
| Ġċ | Antonju Pace-Marija Caruana[43] | 10. |
| Ġd | Ġwanni Anġlu Pace-Ġovanna (Luqa) | 11. |

Ċea Salvu Psaila-Marija **Camenzuli** 8.

| | | |
|---|---|---|
| Ċeaa | Franġisku Camenzuli-Sapjenza Ellul[44] | 9. |
| Ċeab | Ġużeppi Camenzuli-Marija (Luqa) | 10. |

Ġa Baldasri Pace-Katerina **Zammit** 8.

| | | |
|---|---|---|
| Ġaa | Arkanġlu Zammit-Anna Ellul[45] | 9. |
| Ġab | Tumas Zammit-Grazzja (Imqabba) | 10. |

Ċċaa1 Ġwanni Marija Caruana-Madalena **Darmanin** 8.

| | | |
|---|---|---|
| Ċċaa1a | Feliċ Darmanin-Marija Ellul[46] | 9. |
| Ċċaa1b | Rokku Darmanin-Tereża Muscat[47] | 10. |
| Ċċaa1ċ | Ġwanni Darmanin-Grazzja (Safi) | 11. |

Ċdb Pawlu Zammit-Marija **Bugeja** 8.

| | | |
|---|---|---|
| Ċdba | Lawrenz Bugeja-Katerina Farrugia[48] | 9. |
| Ċdbb | Ġużeppi Bugeja-Marija Azzopardi[49] | 10. |

Ċbd Onoratu Callus-Anna **Abela** 8.

| | | |
|---|---|---|
| Ċbda | Ġwanni Abela-Diana Cassar[50] | 9. |
| Ċbdb | Lawrenz Abela-Antonja (Żurrieq) | 10. |

Ċeaa Franġisku Camenzuli-Sapjenza **Ellul** 9.

| | | |
|---|---|---|
| Ċeaa1 | Ġwanni Pawlu Ellul-Marija Cassar[51] | 10. |
| Ċeaa2 | Ġużeppi Ellul-Anna Vennera | 11. |

| | | |
|---|---|---|
| Ġċ Antonju Pace-Marija **Caruana** | | 10. |
| Ġċa | Duminku Caruana-Tereża Dimech[52] Klement Mallia-Tereża Caruana[53] | 11. |
| Ġċb | Pietru Caruana-Grazzja Ellul[54] | 12. |
| Ġċċ | Franġisku Caruana-Ġovanna | 13. |

| | | |
|---|---|---|
| Ċdba Lawrenz Bugeja-Katerina **Farrugia** | | 9. |
| Ċdbaa | Ġwanni Battista Farrugia-Marija Farrugia[55] | 10. |
| Ċdbab | Ġużeppi Farrugia-Duminka | 11. |

| | | |
|---|---|---|
| Ġd Mattew Balzan-Grazzja **Mallia** | | 11. |
| Ġda | Klement Mallia-Tereża Caruana[56] | 12. |
| Ġdb | Luqa Mallia-Marjetta (Cospicua) | 13. |

| | | |
|---|---|---|
| Ċeaa1 Ġwanni Pawlu Ellul-Marija **Cassar** | | 10. |
| Ċeaa1a | Pietru Cassar-Duminka Bonnici[57] | 11. |
| Ċeaa1b | Ġużeppi Cassar-Katerina | 12. |

| | | |
|---|---|---|
| Ċdbaa Ġwanni Battista Farrugia-Marija **Farrugia** | | 10. |
| Ċdbaa1 | Franġisku Farrugia-Anna Ellul[58] | 11. |
| Ċdbaa2 | Duminku Farrugia-Alfonsa | 12. |

| | | |
|---|---|---|
| Ċeaa1a Pietru Cassar-Duminka **Bonnici** | | 11. |
| Ċeaa1aa | Ġwanni Pawlu Bonnici-Grazzja Xuereb[59] | 12. |
| Ċeaa1ab | Xmun Bonnici-Grazzja Tonna[60] | 13. |
| Ċeaa1aċ | Mattew Bonnici- (Luqa) | 14. |









**L-ordinazzjoni episkopali ta' Mons. Charles J. Scicluna fl-24 ta' Novembru, 2012**

2. Ġużeppi twieled f'Ħal Kirkop fl-14 ta' Jannar, 1937, fl-4.30p.m., fir-residenza ta' missieru u ommu, li kienet fis-sqaq probabbilment fejn noqgħod jien, peress li kien immarkat fir-reġistru tal-magħmudija bħala l-ewwel wieħed, fi "Piazza Maggiore" li, dak iż-żmien, kienet l-unika pjazza, dik ta' Ħal Kirkop. Huwa tgħammed fis-17 ta' Jannar minn Dun Franġisk Xuereb, li dak iż-żmien kien Viċi-Kurat tal-parroċċa. Il-parrinijiet tiegħu kienu Fortunatu Debono, u ommu, Marija, mart Salvu, minn Ħal Kirkop, in-nanna tiegħu. Ġużeppi Falzon iżżewweġ lil Marija Rożarja Vassallo f'Ħal Luqa fit-8 ta' Lulju, 1962.

3. Leonardu Falzon twieled f'Ħal Kirkop fis-27 ta' Lulju, 1939, fis-1.30a.m., u tgħammed jumejn wara fil-parroċċa mill-Kappillan Dun Ġużepp Inguanez. Il-parrinijiet tiegħu kienu Ġużeppi Cutajar, minn Ħal Kirkop, u martu Marija Karmela. Fil-25 ta' Diċembru, 1970, Leonardu ħa l-voti perpetwi fi ħdan l-Ordni tal-Franġiskani Kapuċċini. Huwa l-uniku patri li Ħal Kirkop għad fadallu, u wieħed minn tliet saċerdoti li r-raħal ta lid-djoċesi u li għadhom ħajjin (l-oħrajn huma Rev. Joseph Farrugia u Rev. Frans Abdilla). Patri Nard iservi fil-Parroċċa ta' Lourdes f'San Ġwann, u kien wieħed mill-parrini fl-Ordinazzjoni Episkopali ta' Mons. Charles Scicluna.

4. Roża Falzon twieldet f'Ħal Kirkop fid-29 ta' Jannar, 1941, fis-6.30p.m., u tgħammdet l-għada fil-parroċċa mill-Kappillan Dun Ġużepp Inguanez. Il-parrini tagħha kienu Pawlu Falzon u martu Karmela, li kienu l-bużnanniet tagħha.

5. Marija Falzon twieldet f'Ħal Kirkop fl-1 ta' Novembru, 1942, fit-12.30a.m., u tgħammdet fl-istess jum mill-Kappillan Dun Ġużepp Zarb. Il-parrini tagħha kienu Fortunatu Debono u oħtu Pawla, it-tnejn minn Ħal Kirkop.

6. Benedittu Falzon twieled f'Ħal Kirkop f'dar oħra li kienet tinsab f'numru 22, Triq San Leonardu, fir-4 ta' April, 1945, fid-9.30a.m., u tgħammed fil-parroċċa fit-8 ta' April mill-Kappillan Dun Mikiel Spiteri. Il-parrini tiegħu kienu Mikiel Mizzi u martu Katerina, minn Ħal Kirkop. Fit-8 ta' Novembru, 1966, Benedittu Falzon iżżewweġ lil Marija Gatt, bint Beninju u Karmela Christodolo, miż-Żejtun.

7. Salvu Falzon twieled f'Ħal Kirkop fid-dar numru 22, Triq San Leonardu, fis-7 ta' April, 1947, fl-4.30p.m., u tgħammed jumejn wara fil-parroċċa mill-Kappillan Dun Mikiel Spiteri. Il-parrini tiegħu kienu Benedittu Debono u martu Anġla, minn Ħal Kirkop. Fil-5 ta' Jannar, 1974, huwa żżewweġ lil Marija Dolores Falzon fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi.

8. Mikiel Falzon twieled f'Ħal Kirkop f'dar oħra, numru 26, Triq San Leonardu, fil-15 ta' Mejju, 1949, fit-3.00p.m., u tgħammed jumejn wara fil-parroċċa mill-Kappillan Dun Mikiel Spiteri. Il-parrini tiegħu kienu Leonardu Falzon u martu Roża, il-bużnanniet tiegħu, minn Ħal Kirkop. Fis-6 ta' Mejju, 1978, huwa żżewweġ lil Ġużeppa Bartolo fil-Parroċċa ta' Sant' Indrija f'Ħal Luqa.

Wieħed jinnota hawn li dawn it-tfal twieldu f'temp ta' erbatax-il sena, fi tlett idjar differenti, u f'parroċċa li kellha erba' Kappillani differenti.

Lill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Scicluna qiegħed nagħtih rigal ieħor, billi ngħidlu li l-familja tiegħi tiġi minnu diversi drabi, kif ġej:

1. Horatio Vella (Sliema), bin Frank u Tessie Bartolo (Sliema), bint Ġużeppi u Marija Attard (Sliema), bint Franġisku Saverju u Tereża Vella (Naxxar), bin Ġwanni u Marija Attard (Naxxar),

2. Ġużeppi twieled f'Ħal Kirkop fl-14 ta' Jannar, 1937, fl-4.30p.m., fir-residenza ta' missieru u ommu, li kienet fis-sqaq probabbilment fejn noqgħod jien, peress li kien immarkat fir-reġistru tal-magħmudija bħala l-ewwel wieħed, fi "Piazza Maggiore" li, dak iż-żmien, kienet l-unika pjazza, dik ta' Ħal Kirkop. Huwa tgħammed fis-17 ta' Jannar minn Dun Franġisk Xuereb, li dak iż-żmien kien Viċi-Kurat tal-parroċċa. Il-parrinijiet tiegħu kienu Fortunatu Debono, u ommu, Marija, mart Salvu, minn Ħal Kirkop, in-nanna tiegħu. Ġużeppi Falzon iżżewweġ lil Marija Rożarja Vassallo f'Ħal Luqa fit-8 ta' Lulju, 1962.

3. Leonardu Falzon twieled f'Ħal Kirkop fis-27 ta' Lulju, 1939, fis-1.30a.m., u tgħammed jumejn wara fil-parroċċa mill-Kappillan Dun Ġużepp Inguanez. Il-parrinijiet tiegħu kienu Ġużeppi Cutajar, minn Ħal Kirkop, u martu Marija Karmela. Fil-25 ta' Diċembru, 1970, Leonardu ħa l-voti perpetwi fi ħdan l-Ordni tal-Franġiskani Kapuċċini. Huwa l-uniku patri li Ħal Kirkop għad fadallu, u wieħed minn tliet saċerdoti li r-raħal ta lid-djoċesi u li għadhom ħajjin (l-oħrajn huma Rev. Joseph Farrugia u Rev. Frans Abdilla). Patri Nard iservi fil-Parroċċa ta' Lourdes f'San Ġwann, u kien wieħed mill-parrini fl-Ordinazzjoni Episkopali ta' Mons. Charles Scicluna.

4. Roża Falzon twieldet f'Ħal Kirkop fid-29 ta' Jannar, 1941, fis-6.30p.m., u tgħammdet l-għada fil-parroċċa mill-Kappillan Dun Ġużepp Inguanez. Il-parrini tagħha kienu Pawlu Falzon u martu Karmela, li kienu l-bużnanniet tagħha.

5. Marija Falzon twieldet f'Ħal Kirkop fl-1 ta' Novembru, 1942, fit-12.30a.m., u tgħammdet fl-istess jum mill-Kappillan Dun Ġużepp Zarb. Il-parrini tagħha kienu Fortunatu Debono u oħtu Pawla, it-tnejn minn Ħal Kirkop.

6. Benedittu Falzon twieled f'Ħal Kirkop f'dar oħra li kienet tinsab f'numru 22, Triq San Leonardu, fir-4 ta' April, 1945, fid-9.30a.m., u tgħammed fil-parroċċa fit-8 ta' April mill-Kappillan Dun Mikiel Spiteri. Il-parrini tiegħu kienu Mikiel Mizzi u martu Katerina, minn Ħal Kirkop. Fit-8 ta' Novembru, 1966, Benedittu Falzon iżżewweġ lil Marija Gatt, bint Beninju u Karmela Christodolo, miż-Żejtun.

7. Salvu Falzon twieled f'Ħal Kirkop fid-dar numru 22, Triq San Leonardu, fis-7 ta' April, 1947, fl-4.30p.m., u tgħammed jumejn wara fil-parroċċa mill-Kappillan Dun Mikiel Spiteri. Il-parrini tiegħu kienu Benedittu Debono u martu Anġla, minn Ħal Kirkop. Fil-5 ta' Jannar, 1974, huwa żżewweġ lil Marija Dolores Falzon fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi.

8. Mikiel Falzon twieled f'Ħal Kirkop f'dar oħra, numru 26, Triq San Leonardu, fil-15 ta' Mejju, 1949, fit-3.00p.m., u tgħammed jumejn wara fil-parroċċa mill-Kappillan Dun Mikiel Spiteri. Il-parrini tiegħu kienu Leonardu Falzon u martu Roża, il-bużnanniet tiegħu, minn Ħal Kirkop. Fis-6 ta' Mejju, 1978, huwa żżewweġ lil Ġużeppa Bartolo fil-Parroċċa ta' Sant' Indrija f'Ħal Luqa.

Wieħed jinnota hawn li dawn it-tfal twieldu f'temp ta' erbatax-il sena, fi tlett idjar differenti, u f'parroċċa li kellha erba' Kappillani differenti.

Lill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Scicluna qiegħed nagħtih rigal ieħor, billi ngħidlu li l-familja tiegħi tiġi minnu diversi drabi, kif ġej:

1. Horatio Vella (Sliema), bin Frank u Tessie Bartolo (Sliema), bint Ġużeppi u Marija Attard (Sliema), bint Franġisku Saverju u Tereża Vella (Naxxar), bin Ġwanni u Marija Attard (Naxxar),

bint Pietru u Roża Stivala (Naxxar), bin Ġwanni Marija u Duminka Vella (Naxxar), bin Pietru u Anna Bonnici (Żebbuġ), bint Mikiel u Marija Zahra (Żebbuġ), bin Alessandru u Roża Ellul (Kirkop), bint Ġwanni Duminku u Elena (Kirkop), bin Valerju u Agatha Grech (Kirkop, bin **Gabriel u Marjetta Magro** (Imqabba) (nota 54). Dan ifisser li Mons. Scicluna u jien aħna Kuġini undeċmi.

2. Vivienne Caruana, marti (Żejtun), bint Pawlinu u Mary Consiglio (Żejtun), bin Karlu u Verġinja Tabone (Żejtun), bint Antonju u Pawla Bonnici (Żejtun), bin Mikiel Anġlu u Annunzjata Desira (Żejtun), bin Anġlu u Tereża Gatt (Żejtun), bin Marju u Veneranda Magro (Żejtun), bint Salvu u Anġla Agius (Żejtun), bint Marju u Margerita Bonnici (Żejtun), bint **Ġwanni Pawlu u Grazzja Xuereb** (Kirkop) (ara fuq), oħt Klerja u bint Mattew u Vittorja (ara 5, isfel). Dan ifisser li marti, Vivienne, u Mons. Scicluna huma kuġini ottavi.

3. Vivienne Caruana, marti (Żejtun), bint Pawlinu u Mary Consiglio (Żejtun), bin Karlu u Verġinja Tabone (Żejtun), bint Antonju u Pawla Bonnici (Żejtun), bin Mikiel Anġlu u Annunzjata Desira (Żejtun), bint Anġlu u Pawla Piscopo (Żejtun), bin Salvu u Marija Cachia (Żejtun), bin Anġlu u Marija Montebello (Żejtun), bin Tumas u Margerita Xuereb (Żejtun), bin Ġwanni Marija u Marija Cassar (Żejtun), bint **Ġużeppi u Katerina** (ara fuq). Dan ifisser li marti, Vivienne, u Mons. Scicluna huma hawn kuġini noni.

4. Vivienne Caruana, marti (Żejtun), bint Pawlinu u Mary Consiglio (Żejtun), bint Ġużeppi u Verġinja Grasso (Tarxien), bin Kostantinu u Franġiska Darmanin (Ħamrun), bint Karlu[61] u Annette Ready (Għaxaq), bin Ġużeppi u Marija Cumbo (Valletta), bin Ġwanni Marija u Madalena Durante (Senglea), bint Filippu u Marija Darmanin (Senglea), bin Girgor u Tereża Bonello (Senglea), bint Lawrenz u Kjara Miraglia (Senglea), bint Tumas u Pawla (Żebbuġ), bin Blasku (Sqallija) u Agatha Cassar (Senglea), bint **Pietru u Duminka Bonnici** (ara fuq), bint Ġwanni Pawlu u Grazzja Xuereb (ara 2, fuq), bint Mattew u Vittorja (ara 5, isfel). Dan ifisser li marti, Vivienne, u Mons. Scicluna huma hawn kuġini undeċmi.

5. Vivienne Caruana, marti (Żejtun), bint Pawlinu u Mary Consiglio (Żejtun), bint Ġużeppi u Verġinja Grasso (Tarxien), bin Kostantinu u Franġiska Darmanin (Ħamrun), bint Karlu u Annette Ready (Għaxaq), bin Ġużeppi u Marija Cumbo (Valletta), bint Mikiel Anġlu u Beatriċe Caruana (Valletta), bint Ġwanni u Roża Micallef (Valletta), bint Ġużeppi u Marija Maixta (Valletta), bint Ġwanni Marija u Roża Caruana (Valletta), bin Mikiel u Ġlorma Imbrol (Luqa), bint Orazju u Duminka Bezzina (Luqa), bin Duminku u Klerja Xuereb (Kirkop), bint **Mattew u Vittorja** (ara nota 59). Klerja Xuereb kienet oħt Grazzja (ara 2, fuq). Dan ifisser li marti, Vivienne, u Mons. Scicluna huma hawn kuġini duodeċmi.

6. Vivienne Caruana, marti (Żejtun), bint Pawlinu u Mary Consiglio (Żejtun), bint Ġużeppi u Verġinja Grasso (Tarxien), bint Emanuel u Lawrenza Pace (Cospicua), bin Giovanni (Sqallija) u Marija Karmela Sant (Cospicua), bint Ġużeppi u Marija Anna Frendo (Cospicua), bint Ġlormu u Kunċetta Dibiasi (Cospicua), bint Ġużeppi u Tereża Vella (Cospicua), bint Ġużeppi u Marija Galea (Cospicua), bin Antonju u Ubaldiska Caruana (Safi), bint Mikiel u Marija Mangion (Safi), bin Duminku u Flaminja Dalli (Safi), bin **Antonju u Katerina** (ara fuq). Dan ifisser li marti, Vivienne, u Mons. Scicluna huma hawn kuġini undeċmi.

7. Vivienne Caruana, marti (Żejtun), bint Pawlinu u Mary Consiglio (Żejtun), bint Ġużeppi u Verġinja Grasso (Tarxien), bint Emanuel u Lawrenza Pace (Cospicua), bint Feliċ u Marija

Chetcuti (Cospicua), bint Franġisku u Anġla Muscat (Gudja), bint Stiefnu u Marija Galea (Gudja), bin Ġwanni Marija u Anna Pace (Siġġiewi), bin Salvu u Marija Camilleri (Siġġiewi), bin **Orazju u Marija Gambin** (Żebbuġ) (ara nota 47). Dan ifisser li marti, Vivienne, u Mons. Scicluna huma hawn kuġini ottavi.

8. Horatio Vella (Sliema), bin Frank u Tessie Bartolo (Sliema), bin Ġwanni Battista u Marija Konċetta Attard (Żejtun), bint Wiġi u Elizabbetta Cachia (Għaxaq), bin Klement u Katerina Caruana (Żejtun), bint Vinċenz u Tereża Carabott (Żejtun), bint Orazju u Marija Caruana (Żejtun), bint Ġużeppi u Anna Abela (Żejtun), bin Duminku u Roża Bugeja (Żejtun), bint Salvu u Duminka Theuma (San Ġorġ, Rabat, Għawdex), bin **Ġużeppi u Marjetta Azzopardi** (San Ġorġ, Rabat, Għawdex) (ara fuq). Dan ifisser li jien u Mons. Scicluna aħna hawn kuġini noni.

Minn dan ta' fuq wieħed jikkonkludi li l-familja tiegħi tiġi mill-Eċċellenza Tiegħu minn tal-inqas tminn darbiet, u l-eqreb li niġu minnu hu bħala kuġini ottavi.

**Referenzi**

[1] *Leħen is-Sewwa* 13.10.2012, 1.

[2] Emanuel Scicluna twieled f'Ħal Qormi fid-19 ta' Diċembru, 1929, u tgħammed fil-Parroċċa ta' San Ġorġ. Huwa żżewweġ lil Karmela Falzon f'Ħal Kirkop fit-8 ta' Ġunju, 1958. Żewwiġhom il-Kappillan Dun Pawl Pace, waqt li x-xhieda kienu Lawrenz Cacciattolo, bin Toussaints, u Pietru Scicluna, bin Karmelu, it-tnejn mill-Parroċċa ta' San Bastjan, Ħal Qormi (A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

[3] Ġużeppi Falzon, ta' 26 sena, iżżewweġ lil Mikelina Debono, ta' 23 sena, f'Ħal Kirkop fl-24 ta' Settembru, 1933. Żewwiġhom il-Kappillan Dun Franġisk Xuereb, waqt li x-xhieda kienu Benedittu Debono, bin Pietru, u Emanuel Mallia, bin Mikiel, it-tnejn minn Ħal Kirkop. Ġużeppi Falzon u Mikelina Debono kienu bejn terzi u kwarti kuġini (A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*), peress li missier missier omm Ġużeppi Falzon kien hu missier omm omm omm Mikelina Debono. Ġużeppi Falzon miet f'daru, Monica, 40, Triq Valletta, Ħal Kirkop, fl-14 ta' Lulju, 1981, fit-12.01p.m., ta' 74 sena, u ndifen l-għada fiċ-ċimiterju tar-raħal fil-qabar numru 1. Martu, Mikelina, mietet fl-istess dar fit-2 ta' Novembru, 2003, fis-6.35p.m., ta' 93 sena, u ndifnet l-għada fiċ-ċimiterju tar-raħal f'qabar privat (A.P.K., *Liber defunctorum, sub diebus mortis*).

[4] Benedittu Falzon iżżewweġ lil Ġużeppa Agius f'Ħal Kirkop fil-11 ta' Awwissu, 1895. Żewwiġhom Dun Mikiel Barbara bill-kunsens tal-Kappillan, Dun Ġużepp Barbara, wara li akkwistaw id-dispensa mis-Santa Sede peress li kienu sekondi kuġini. Huma kienu sekondi kuġini peress li missier missier Benedittu Falzon kien hu missier omm Ġużeppa Agius. Ix-xhieda ta' dan iż-żwieġ kienu Ġwanni Grixti, bin Mikiel u Roża Grech, u Ġużeppi Cassar, bin Wiġi u Marija Grech, it-tnejn minn Ħal Kirkop (A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*). Benedittu Falzon miet fl-Isptar San Luqa, il-Guardamangia, fis-26 ta' Novembru, 1955, ta' 83 sena, u ndifen l-għada fiċ-ċimiterju tar-raħal fil-qabar numru 33. Martu, Ġużeppa, mietet f'darha, li kienet tinsab f'23, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fl-4 ta' Awwissu, 1959, fis-2.00a.m., ta' 83 sena, u ndifnet l-għada fl-istess qabar (A.P.K., *Liber defunctorum, sub diebus mortis*).

[5] Leonardu Falzon miet fl-Isptar Ċentrali tal-Furjana fit-30 ta' Ottubru, 1900, u ndifen l-għada f'ċimiterju pubbliku. L-età ta' mewtu ma kinitx mogħtija (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*).

[6] Anġlu Falzon twieled f'Ħal Kirkop fl-4 ta' Jannar, 1815, u tgħammed fl-istess jum fil-Knisja Parrokkjali (H.C.R. Vella {2006}, 253).

[7] Pawlu Agius u Karmela Falzon iżżewġu f'Ħal Kirkop fis-27 ta' Mejju, 1866. Żewwiġhom il-Kappillan Dun Ġużepp Vella, waqt li x-xhieda kienu Antonju Ellul, bin Ġwanni, u Leonardu Grima, bin Benedittu, it-tnejn minn Ħal Kirkop (A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*). Pawlu Agius miet f'daru f'Ħal Kirkop fis-26 ta' Novembru, 1912, ta' 70 sena, u ndifen l-għada fil-Knisja Parrokkjali fil-qabar numru 22. Martu, Karmela, mietet f'darha fit-2 ta' Mejju, 1931, ta' 89 sena, u ndifnet l-għada fil-Knisja Parrokkjali fil-qabar numru 20 (A.P.K., *Liber defunctorum, sub diebus mortis*).

[8] Ġwanni Falzon u Pawla Pace żżewġu f'Ħal Kirkop fil-15 ta' Frar, 1814. Żewwiġhom il-Kappillan Dun Franġisk Vassallo, waqt li x-xhieda kienu Pawlu Pace, bin Franġisku, mill-Belt Valletta, u Mikiel Cutajar, bin Ġwanni, minn Ħal Kirkop (H.C.R. Vella {2006}, 212). Ġwanni Falzon miet f'Ħal Kirkop fid-19 ta' Jannar, 1861, ta' 73 sena, u ndifen fl-istess jum fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-qabar numru 9. Martu, Pawla, mietet f'darha f'Ħal Kirkop fis-26 ta' Ottubru, 1876, ta' 92 sena, u ndifnet l-għada fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-qabar numru 13. Kunjom xbubit ommha ġie mogħti hawn bħala "Mifsud" minflok "Zammit" (A.P.K., *Liber defunctorum, sub diebus mortis*).

[9] Franġisku Falzon u Ġużeppa Balzan iżżewġu f'Ħal Kirkop fl-10 ta' Ottubru, 1843. Żewwiġhom il-Kappillan Dun

Salv Cassar, waqt li x-xhieda kienu Antonju Ellul, bin Ġwanni, Lawrenz Caruana, bin Ġużeppi, u Franġisku Cassar, bin Ġwanni, kollha minn Ħal Kirkop (A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*). Ġużeppa Falzon mietet f'darha f'Ħal Kirkop fit-13 ta' Frar, 1895, ta' 71 sena, u ndifnet l-għada fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-qabar numru 22. Żewġha, Franġisku, miet f'Ħal Kirkop fl-10 ta' Marzu, 1903, ta' 86 sena, u ndifen tlett ijiem wara fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-qabar numru 22 (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*).

10 Dawn l-ittri jissinifikaw il-kunjomijiet li minn ġenerazzjoni għall-oħra jiżdiedu permezz ta' xbubit l-ommijiet.

11 Dawn in-numri jissinifikaw in-numru ta' generazzjonijiet lura minn Mons. Charles Scicluna.

12 Salvu Debono u Marija Callus iżżewġu f'Ħal Kirkop fis-7 ta' Mejju, 1905. Żewwiġhom Dun Franġisk Cutajar, miż-Żurrieq, bil-kunsens tal-Kappillan, Dun Ġużepp Barbara. Ix-xhieda kienu Tumas Falzon, bin Ġużeppi, u Ġwanni Grixti, bin Mikiel, it-tnejn minn Ħal Kirkop (A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*). Salvu Debono miet f'daru, li kienet tinsab f'numru 41, Triq San Leonardu, Ħal Kirkop, fis-27 ta' Diċembru, 1960, fid-9.00p.m., ta' 82 sena, u ndifen l-għada fiċ-ċimiterju tar-raħal fil-qabar numru 1. Martu, Marija, mietet fl-Isptar San Luqa fil-Guardamangia fil-21 ta' Diċembru, 1964, ta' 83 sena, u ndifnet l-għada fiċ-ċimiterju tar-raħal fil-qabar numru 39 (A.P.K., *Liber defunctorum, sub diebus mortis*).

13 Leonardu Debono u Roża Micallef iżżewġu f'Ħal Kirkop fit-8 ta' Mejju, 1855. Żewwiġhom il-Kappillan Dun Salvu Cassar, waqt li x-xhieda kienu Franġisku Cassar, bin Ġwanni, minn Ħal Kirkop, u Ġwanni Farrugia, bin Ġużeppi, mill-Furjana (A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*). Roża Debono mietet f'darha f'Ħal Kirkop fl-20 ta' Jannar, 1907, ta' 70 sena, u ndifnet l-għada fil-Knisja Parrokkjali fil-qabar numru 22. Żewġha miet fl-istess dar fl-14 ta' Ottubru, 1909, ta' 74 sena, u ndifen l-għada fil-Knisja Parrokkjali fil-qabar numru 26 (A.P.K., *Liber defunctorum, sub diebus mortis*).

14 Fiż-żwieġ ta' Leonardu Debono ma' Roża Micallef, kunjom xbubit omm Leonardu ġie mogħti bħala "Camilleri" flok "Zammit". Ġużeppi Debono twieled f'Ħal Kirkop fl-4 ta' Frar, 1804, u tgħammed l-għada fil-Knisja Parrokkjali (H.C.R. Vella {2006}, 243). Marija Debono mietet f'darha f'Ħal Kirkop fil-11 ta' Ġunju, 1844, ta' 32 sena, u ndifnet fl-istess jum fil-Knisja Parrokkjali fil-qabar numru 17 (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*).

15 Ġwanni Battista Debono u Katerina Psaila żżewġu f'Ħal Kirkop fit-28 ta' Lulju, 1795 (H.C.R. Vella {2006}, 210). Katerina Debono mietet f'Ħal Kirkop fl-14 ta' Settembru, 1807, ta' 40 sena, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali (H.C.R. Vella {2008}, 175).

16 Ara fuq.

17 Leonardu Callus u Karmela Farrugia żżewġu f'Ħal Kirkop fil-25 ta' Settembru, 1870. Żewwiġhom il-Kappillan Dun Ġużepp Vella, waqt li x-xhieda kienu Antonju Ellul, bin Ġwanni, u Franġisku Ellul, bin Leonardu, it-tnejn minn Ħal Kirkop (A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*). Leonardu Callus miet f'daru f'Ħal Kirkop fit-8 ta' marzu, 1919, ta' 75 sena, u ndifen l-għada fil-Knisja Parrokkjali fil-qabar numru 20. Martu, Karmela, mietet f'darha fil-15 ta' Diċembru, 1934, ta' 85 sena, u ndifnet fiċ-ċimiterju tar-raħal (waħda minn tal-ewwel) fil-qabar numru 7 (A.P.K., *Liber defunctorum, sub diebus mortis*).

18 Tumas Farrugia u Ġużeppa Agius iżżewġu f'Ħal Kirkop fil-15 ta' Mejju, 1836. Żewwiġhom il-Kappillan Dun Salv Cassar, waqt li x-xhieda kienu Dun Ġużepp Dalli, mill-Gudja, u Antonju Ellul, bin Ġwanni, u Franġisku Sacco, bin Indrì, it-tnejn minn Ħal Kirkop (H.C.R. Vella {2006}, 213). Tumas Farrugia miet f'Ħal Kirkop fid-29 ta' Mejju, 1871, ta' 70 sena, u ndifen l-għada fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-qabar numbru 2. Martu, Ġużeppa, mietet f'darha f'Ħal Kirkop fit-23 ta' Jannar, 1899, ta' 86 sena, u ndifnet l-għada fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop fil-qabar numru 3 (A.P.K., *Liber defunctorum, sub diebus mortis*).

19 Ġużeppi Agius u Skolastika Zammit iżżewġu fit-28 ta' Ġunju, 1829, quddiem l-Altar tal-Madonna taħt it-titlu "Tal-Karità" li jinsab fl-Oratorju tal-Karità fil-Knisja ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta, ħaġa li kienet kundizzjoni biex Skolastika Zammit tingħata għajnuna finanzjara minn legat imwaqqaf mill-Kanonku Penitenzjarju Mikiel Cilia, Viċi-Kurat tal-istess knisja, li kien qed iżewwiġhom bil-kunsens tal-Kappillan ta' Ħal Kirkop, Dun Salv Cassar. Ix-xhieda kienu Dottor Filippu Falzon u Franġisku Saverju Schembri, bin Ġużeppi, it-tnejn mill-Belt Valletta (H.C.R. Vella {2006}, 206). Skolastika Agius mietet fl-Isptar Ċentrali tal-Furjana fl-10 ta' Frar, 1873, ta' 60 sena, u ndifnet l-għada fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis: sepulchreto Dolorum*).

20 Benedittu Agius miet f'daru f'Ħal Kirkop fid-29 ta' Diċembru, 1853, ta' 58 sena, u ndifen l-għada fil-Knisja Parrokkjali fil-qabar numru 26. Martu, Kostanza, mietet fis-16 ta' Ġunju, 1875, ta' 80 sena, u ndifnet l-għada fil-Knisja Parrokkjali fil-qabar numru 30 (A.P.K, *Liber defunctorum, sub diebus mortis*).

21 Pawlu Agius miet f'daru f'Ħal Kirkop fil-5 ta' Lulju, 1838, ta' 76 sena, u ndifen l-għada fil-Knisja Parrokkjali fil-qabar numru 2 (H.C.R. Vella {2008}, 172). Martu, Vinċenza, bint Pietru Vella u Marija, mietet fl-Isptar Ċentrali tal-Furjana, fejn kienet ilha rikoverata għal sentejn, fid-29 ta' Ġunju, 1846, ta' 74 sena, u ndifnet fil-Furjana (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*).

22 Anġlu *sive* Arkanġlu Agius u Duminka Grima, bint Anġlu u Modesta, żżewġu f'Ħal Kirkop (H.C.R. Vella {2006}, 181). Anġlu Agius miet fl-Infermerija Sagra fit-28 ta' Novembru, 1814, ta' 80 sena, u ndifen fiċ-ċimiterju tal-istess sptar (H.C.R. Vella {2008}, 172).

23 Leonardu Callus u Karmela Farrugia żżewġu f'Ħal Kirkop fil-25 ta' Settembru, 1870. Żewwiġhom il-Kappillan Dun

Ġużepp Vella, waqt li x-xhieda kienu Antonju Ellul, bin Ġwanni, u Franġisku Ellul, bin Leonardu, it-tnejn minn Ħal Kirkop (A.P.K., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*). Leonardu Callus miet f'daru f'Ħal Kirkop fit-8 ta' marzu, 1919, ta'75 sena, u ndifen l-għada fil-Knisja Parrokkjali fil-qabar numru 20. Martu, Karmela, mietet f'darha fil-15 ta' Diċembru, 1934, ta'85 sena, u ndifnet fiċ-ċimiterju tar-raħal (waħda minn tal-ewwel) fil-qabar numru 7 (A.P.K., *Liber defunctorum, sub diebus mortis*).

[24] Mikiel Callus u Katerina Callus kienu primi kuġini. Mikiel Callus twieled f'Ħal Kirkop fil-25 ta' Frar, 1808, u tgħammed l-għada fil-Knisja Parrokkjali (H.C.R. Vella {2006}, 233). Huwa miet f'daru f'Ħal Kirkop fil-31 ta' Jannar, 1891, ta' 86 sena, u ndifen l-għada fil-Knisja Parrokkjali fil-qabar numru 1. Martu, Katerina, mietet fl-Isptar Ċentrali tal-Furjana fis-7 ta' Ġunju, 1892, ta' 80 sena, u ndifnet f'ċimiterju pubbliku (A.P.K., *Liber defunctorum, sub diebus mortis*).

[25] Ġużeppi Callus miet fl-Isptar Ċentrali tal-Furjana fl-20 ta' Novembru, 1854, ta' 72 sena, u ndifen fiċ-ċimiterju tal-istess sptar (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*) . Ħuh, Franġisku Callus, imsemmi hawn ukoll, kien miżżewweġ ma' Anna Falzon.

[26] Franġisku Callus twieled f'Ħal Kirkop fl-10 ta' Novembru, 1781, u tgħammed l-għada fil-Knisja Parrokkjali (H.C.R. Vella {2006}, 232).

[27] Onoratu Callus u Anna Abela żżewġu f'Ħal Kirkop fl-1 ta' Awwissu, 1762 (H.C.R. Vella {2006}, 186). Huwa miet fl-Infermerija Sagra tal-Belt Valletta bejn l-1802 u l-1803, ta' 60 sena, u ndifen fiċ-ċimiterju tal-istess sptar (H.C.R. Vella {2008}, 173). Martu, Anna, ukoll mietet fl-Infermerija Sagra, fit-8 ta' Settembru, 1820, ta' 80 sena, u ndifnet fiċ-ċimiterju tal-istess sptar (H.C.R. Vella {2008}, 173).

[28] Ara fuq.

[29] Speranza Balzan, bint Pietru Sciberras, mietet f'darha f'Ħal Kirkop fis-16 ta' Ottubru, 1854, ta' 74 sena, u ndifnet fl-istess jum fil-Knisja Parrokkjali fil-qabar numru 8. Żewġha, Ġwanni Marija, instab mejjet f'soddtu kmieni filgħodu, qabel ma telgħet ix-xemx, fil-11 ta' Frar, 1856, ta' 73 sena, u ndifen fl-istess qabar (A.P.K., *Liber defunctorum, sub diebus mortis*).

[30] Salvu Balzan miet f'Ħal Kirkop fis-6 ta' Mejju, 1804, ta' 80 sena [ċ.], u ndifen fil-Knisja Parrokkjali (H.C.R. Vella {2008}, 173).

[31] Antonju Balzan u Grazzja Muscat, bint Wistin u Tereża, iżżewġu f'Ħal Kirkop fis-27 ta' Lulju, 1727 (H.C.R. Vella {2006}, 183).

[32] Mattew Balzan u Grazzja Mallia, bint Klement u Grazzja Caruana, iżżewġu f'Ħal Kirkop fit-2 ta' Mejju, 1706 CH. C. R. Vella {2006}, 183).

[33] Salvu Micallef u Katerina Zammit, bint Gejtanu u Marija Caruana, iżżewġu f'Ħal Kirkop fit-13 ta' Settembru, 1824. Żewwiġhom il-Kappillan Dun Franġisk Vassallo, waqt li x-xhieda kienu Antonju Ellul, bin Ġwanni, u Ġużeppi Bugeja, bin Indrì u Vinċenza, it-tnejn minn Ħal Kirkop (H.C.R. Vella {2006}, 215). Katerina Micallef mietet f'darha f'Ħal Kirkop fis-7 ta' Awwissu, 1861, ta' 50 sena, u ndifnet l-għada fil-Knisja Parrokkjali fil-qabar numru 25. Żewġha, Salvu, miet fl-Isptar Ċentrali tal-Furjana fis-17 ta' Mejju, 1867, ta' 65 sena, u ndifen l-għada fl-istess qabar (A.P.K., *Liber defunctorum, sub diebus mortis*).

[34] Anġlu Zammit u Vinċenza Chircop, bint Ġwanni Pawlu u Roża Zammit, iżżewġu f'Ħal Kirkop fid-9 ta' Ottubru, 1792. Żewwiġhom il-Kappillan Dun Franġisk Azzopardi, waqt li x-xhieda kienu Ġużeppi Zammit u Salvu Balzan, sagristan, it-tnejn minn Ħal Kirkop (H.C.R. Vella {2006}, 218).

[35] Ġużeppi Zammit miet fl-Infermerija Sagra fis-26 ta' April, 1805, ta' 82 sena (H.C.R. Vella {2008}, 181).

[36] Arkanġlu *sive* Anġlu Zammit twieled f'Ħal Kirkop fis-7 ta' Awwissu, 1778, u tgħammed fl-istess jum fil-Knisja Parrokkjali (H.C.R. Vella {2006}, 286).

[37] Pawlu Zammit u Marija Bugeja, bint Lawrenz u Katerina Farrugia, iżżewġu f'Ħal Kirkop fid-29 ta' Lulju, 1777 (H.C.R. Vella {2006}, 205). Marija Zammit mietet fl-Infermerija Sagra fis-26 ta' Lulju, 1803, ta' 45 sena, u ndifnet fiċ-ċimiterju tal-istess sptar (H.C.R. Vella {2008}, 181). Żewġha, Pawlu, miet f'Ħal Kirkop fil-5 ta' Novembru, 1819, ta' 70 sena, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali fil-qabar numru 20 (H.C.R. Vella {2008}, 181).

[38] Gejtanu Zammit miet f'daru f'Ħal Kirkop fit-18 ta' Frar, 1840, ta' 68 sena, u ndifen fl-istess jum fil-Knisja Parrokkjali fil-qabar numru 20 (H.C.R. Vella {2008}, 181). Martu, Marija, bint Ġwanni Marija Caruana u Madalena Darmanin, mietet f'darha fis-6 ta' Awwissu, 1851, ta' 70 sena, u ndifnet l-għada fl-istess qabar (A.P.K., *Liber defunctorum, sub die mortis*).

[39] Salvu Psaila u Marija Camenzuli, bint Franġisku u Sapjenza Ellul, żżewġu f'Ħal Kirkop fit-3 ta' Novembru, 1765 (H.C.R. Vella {2006}, 199). Salvu Psaila miet f'Ħal Kirkop fit-30 ta' Ottubru, 1800, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali (H.C.R. Vella {2008}, 179).

[40] Ġwanni Marija Caruana u Madalena Darmanin, bint Feliċ u Marija Ellul, iżżewġu f'Ħal Kirkop fis-16 ta' Lulju, 1780 (H.C.R. Vella {2006}, 188). Madalena Darmanin twieldet f'Ħal Kirkop fit-12 ta' Marzu, 1757, u tgħammdet fil-Knisja Parrokkjali fl-istess jum (H.C.R. Vella {2006}, 242).

[41] Fir-reġistru tal-imwiet, fid-data tas-26 ta' Ottubru, 1876, taħt "Pawla Falzon", dan il-kunjom hu mogħti (bi żball) bħala "Mifsud". Katerina Pace, bint Arkanġlu Zammit u Anna Ellul, mietet fit-30 ta' Lulju, 1806, ta' 55 sena, u

ndifnet fil-Knisja Parrokkjali (H.C.R. Vella {2008}, 178). Żewġha, Baldasri, miet fl-Isptar Ċentrali tal-Belt Valletta fil-31 ta' Marzu, 1827, ta' 73, u ndifen fl-istess belt (H.C.R. Vella {2008}, 178).

42 Tumas Pace u Marija Mallia żżewġu f'Ħal Kirkop fl-14 ta' Settembru, 1749 (H.C.R. Vella {2006}, 199). Marija Pace, bint Franġisku Mallia u Marija, mietet f'Ħal Kirkop fit-28 ta' Mejju, 1799, ta' madwar 70 sena, u ndifnet fil-Knisja ta' San Nikola, Ħal Kirkop (H.C.R. Vella (2008), 178).

43 Antonju Pace u Marija Caruana, bint Duminku u Tereża Dimech, żżewġu fit-22 ta' Settembru, 1709 (H.C.R. Vella {2006}, 199).

44 Franġisku Camenzuli u Sapjenza Ellul, bint Ġwanni Pawlu u Marija Casar, iżżewġu f'Ħal Kirkop fil-21 ta' Lulju, 1737 (H.C.R. Vella {2006}, 186).

45 Anġlu *sive* Arkanġlu Zammit u Anna Ellul, bint Luqa u Polixxena, iżżewġu f'Ħal Kirkop fl-10 ta' Ġunju, 1753 (H.C.R. Vella {2006}, 204).

46 Feliċ Darmanin u Marija Ellul, bint Mikiel u Tereża, iżżewġu f'Ħal Kirkop fit-8 ta' Novembru, 1744 (H.C.R. Vella {2006}, 190). Feliċ Darmanin miet f'Ħal Kirkop fl-14 ta' Jannar, 1799, ta' 77 sena (H.C.R. Vella {2008}, 175).

47 Rokku Darmanin u Tereża Muscat, bint Orazju u Marija Gambin, iżżewġu f'Ħal Kirkop fil-25 ta' Ottubru, 1716 (H.C.R. Vella {2006}, 190).

48 Lawrenz Bugeja u Katerina Farrugia, bint Ġwanni Battista u Marija Farrugia, żżewġu f'Ħal Kirkop fil-31 ta' Lulju, 1757 (H.C.R. Vella {2006}, 185). Lawrenz Bugeja kien armel ta' Marija. Huwa miet fl-Infermerija Sagra fit-28 ta' Marzu, 1804, ta' 70 sena, u ndifen fiċ-ċimiterju tal-istess sptar (H.C.R. Vella {2008}, 173).

49 Joseph Bugeja u Marjetta Azzopardi żżewġu fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, Għawdex, fis-6 ta' Awwissu, 1639 (A.P.S.Ġ.Għ., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*).

50 Ġwanni Abela u Diana Cassar, bint Ġwanni Duminku u Tereża, iżżewġu f'Ħal Kirkop fil-5 ta' Frar, 1719 (H.C.R. Vella {2006}, 181).

51 Ġwanni Pawlu Ellul u Marija Cassar iżżewġu f'Ħal Kirkop fit-30 ta' Awwissu, 1704 (H.C.R. Vella {2006}, 192).

52 Duminku Caruana u Tereża Dimech, bint Marju u Duminka, iżżewġu f'Ħal Kirkop fil-31 ta' Jannar, 1677 (H.C.R. Vella {2006}, 187). Duminku Caruana kien ħu Tereża.

53 Klement Mallia u Tereża Caruana żżewġu f'Ħal Kirkop fl-4 ta' Novembru, 1674 (H.C.R. Vella {2006}, 102). Tereża Caruana kienet oħt Duminku.

54 Pietru Caruana u Grazzja Ellul, bint Gabriel u Marjetta Magro, iżżewġu f'Ħal Kirkop bejn Settembru u Novembru, 1644 (H.C.R. Vella {2006}, 93). Grazzja Caruana mietet fl-24 ta' Settembru, 1660, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali (H.C.R. Vella {2006}, 165). Gabriel Ellul u Marjetta Magro żżewġu l-Imqabba fit-18 ta' Jannar, 1604 (A.P.I., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii*). Gabriel Ellul miet f'Ħal Kirkop fit-23 ta' Ottubru, 1644, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali (H.C.R. Vella {2006}, 169). Martu, Marjetta, mietet ukoll f'Ħal Kirkop fit-22 ta' Frar, 1662 (H.C.R. Vella {2006}, 170).

55 Ġwanni Battista Farrugia u Marija Farrugia żżewġu f'Ħal Kirkop fl-14 ta' Ġunju, 1716 (H.C.R. Vella {2006}, 193).

56 Ara fuq.

57 Pietru Cassar u Duminka Bonnici żżewġu f'Ħal Kirkop fis-6 ta' Novembru, 1677 (H.C.R. Vella {2006}, 189).

58 Franġisku Farrugia u Anna Ellul, bint Xmun u Grazzja, iżżewġu f'Ħal Kirkop fit-2 ta' Jannar, 1689 (H.C.R. Vella {2006}, 193).

59 Ġwanni Pawlu Bonnici u Grazzja Xuereb, bint Mattew u Vittorja, iżżewġu f'Ħal Kirkop fl-24 ta' Jannar, 1644 (H.C.R. Vella {2006}, 90). Mattew Xuereb miet f'Ħal Kirkop fit-8 ta' Lulju, 1638, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali (H.C.R. Vella {2006}, 178). Martu, Vittorja, mietet ukoll f'Ħal Kirkop fit-13 ta' Awwissu, 1662 (H.C.R. Vella {2006}, 178-179).

60 Xmun Bonnici u Grazzja Tonna, bint Duminku, żżewġu f'Ħal Kirkop fis-16 ta' Ottubru, 1622 (H.C.R. Vella {2006}, 90). Grazzja Bonnici mietet f'Ħal Kirkop fit-12 ta' April, 1635 (H.C.R. Vella {2006}, 163). Żewġha, Xmun, miet fl-Infermerija Sagra fil-11 ta' Lulju, 1642 (H.C.R. Vella {2006}, 164).

61 L-iskultur.

**Bibljografija**


A[rkivju] P[arrokkjali] I[mqabba]. *Liber matrimoniorum.*

A[rkivju] P[arrokkjali] K[irkop]. *Liber defunctorum.*

A.P.K. *Liber matrimoniorum.*

A[rkivju] P[arrokkjali] S[an] Ġ[orġ] Għ[awdex]. *Liber matrimoniorum.*

A[rkivju] P[arrokkjali] Ż[ebbuġ]. *Liber matrimoniorum.*

*Leħen is-Sewwa.*

Vella, H.C.R. (2006). *Indiċi ta' ismijiet ta' nies minn Ħal Kirkop li jinsabu mniżżla fir-reġistri taż-żwiġijiet, magħmudijiet u mwiet f'Birmiftuħ u f'Ħal Kirkop mill-1550 sal-1840.* Malta.

Vella, H.C.R. (2008). *L-imwiet f'Ħal Kirkop. 1798-1840.* F'H.C.R. Vella ed., *Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru.* Vol. II. Malta, Kunsill Lokali Kirkop, 172-195.



*Horatio Caesar Roger Vella huwa Professur tal-Latin u tal-Grieg fl-Università ta' Malta.